**FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Avv. Dr Christopher Chircop**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 4 ta' Ġunju 2025**

Talba Numru: 5/2024 CC

**Best Deals International Ltd [C35701]**

**Vs**

**John Bugeja [KI 358797 (M)]**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-11 ta' Jannar 2025, fejn l-attriċi talbet sabiex il-konvenut jiġi mitlub li jħallas lill-attriċi is-somma ta' elfejn, tmien mija u disgħa u għoxrin ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmi (€2,829.74c) rappreżentanti bilanċ dovut mill-konvenut lill-attriċi u dan a rigward prodotti u servizzi provduti mill-attriċi lil konvenut.

L-attriċi talbet ukoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u l-imgħax legali sa mid-data tal-aħħar fattura sal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut preżentata fit-23 ta' April 2024 fejn sostna li t-talbiet attriċi huma infondati fill-fatt u fid-dritt u dan peress li l-konvenut ħallas dak kollu li kien dovut minnu meta saret il-konsinja tal-għamara u l-appliances.

Ra li l-Konvenut ippreżenta Kontro-Talba flimkien mar-risposta fejn talab illi l-attriċi rikonvenzjonata tiġi ordnata tħallas lil konvenut rikonvenzjonant l-ammont ta' tlett elef ewro (€3000) u dan stante l-fatt li l-attriċi rikonvenzjonata irrifjutat li tibdel affarijiet li kienu damaged.

Ra li l-attriċi fis-16 ta' Mejju 2023 ippreżentat risposta għal kontro-talba fejn sostniet li l-kontro-talba qed tiġi kkontestata bħala infondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante l-fatt li l-ebda appliance ma kien difettuż u a rigward l-affarijiet l-oħra li kellhom xi difetti, l-attriċi kienet offriet li jiġu mibdula u kien il-konvenut rikonvenzjonant li kkanċella id-delivery ta' din il-konsenja u dan ġurnata qabel ma kellha ssir id-delivery.  Bl-ispejjeż.

Ra li l-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi xi jressqu u ddikjaraw il-provi bħala magħluqa.

Ra x-xhieda.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji kollha.

Ra l-atti proċesswali kollha.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ra li t-Talba u l-kontro-talba tħallew għas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi l-attriċi ressqet is-segwenti provi:

1. **L-affidavit ta' Gianluca Caruana** fejn fih huwa sostna li huwa mpjegat mas-soċjeta' attriċi bħala Logistics and Procurement fl-aftersales. Huwa sostna li l-għada li saret id-delivery lil konvenut u cjoe fit-3 ta' Ottubru 2023 huwa kien ċempel lil konvenut sabiex jinfurmah li kien ha żball fl-ammont li kellu jiġi miġbur mad-delivery.

   Sostna li huwa kien spjega lil konvenut li l-ammont miġbur mad-delivery kellu jkun l-ammont ta' €6,038.72c u mhux l-ammont li kien kiteb bil-lapes u cjoe l-ammont ta' €3,209.00c u għalhekk kien fadal bilanċ ta' €2,829.74c x'jitħallas.

   Huwa sostna li l-attur irrispondih: *'iva għandek raġun jien tajtkom kemm tlabtuni iżda missek ma ħadtx żball".*

   Id-delivery person kien Josef Debattista. Huwa ġabar mingħand il-konvenut l-ammont ta' €3,209.00c.

2. **L-affidavit ta' Joann (Giovanna) Agius**, fejn fih hija sostniet li hija taħdem mas-soċjeta' attriċi bħala store manager. Hija sostniet li kienet ċemplet lill-konvenut sabiex tikkonferma miegħu id-data u l-ħin tad-delivery tal-għamara u l-appliances. Id-delivery saret fit-2 ta' Ottubru 2023.

   Sostniet li fit-28 ta' Settembru 2023 hija kien bagħtet messaġġ lil konvenut (anness mal-affidavit) sabiex tfakkru fid-data u fil-ħin tad-delivery kif ukoll l-ammont li kellu jitħallas meta ssir id-delivery.

   Sostniet ukoll li fl-20 ta' Diċembru 2023 hija kienet ċemplet lil konvenut sabiex tikkonferma id-data u il-ħin biex issir delivery tal-parts li kellhom jinbidlu. Fis-27 ta' Diċembru 2023, il-konvenut bagħat messaġġ sabiex jikkanċella id-delivery (messaġġ anness mal-affidavit).

   Sostniet li ġiet miftehma data ġdida u cjoe li d-delivery kellha sseħħ fl-10 ta' Jannar 2024, Hija reġgħet bagħtet messaġġ tfakkar lil konvenut bid-data tad-delivery fit-8 ta' Jannar 2024 (messaġġ anness mal-affidavit). Dakinhar il-konvenut ċempel u kkanċella d-delivery. (screenshot tat-telefonata annessa mal-affidavit).

3. **Angie Spiteri** xehdet li hija d-direttriċi tal-Kumpanija attriċi. Spjegat kif dan huwa każ normali fis-sens li meta l-klijenti jordnaw l-għamara iħallu 30% depożitu fuq l-ordni. Mad-delivery il-klijenti iħallsu 70%.

Fil-każ tal-konvenut li ġara kien li l-persuna li tieħu ħsieb il-karti kitbet l-ammont ħażin u d-delivery person ġabar l-ammont li kellu miktub. L-iżball sar mill-impjegat Gianluca Caruana. L-iżball indunaw bih tal-accounts. Minħabba li l-iżball għamlu Gianluca Caruana, kien hu li ċempel lil konvenut. Ir-reazzjoni tal-konvenut kienet li jmissu ma ħax żball. Hi taf li qallu dawk il-kliem għax l-konvenut kien qiegħed fuq speaker,

F'mument minnhom ħadet it-telephone hi u bdiet titkellem mal-konvenut direttament hi. Il-konvenut qalilha li jmissu ma ħax żball, imbagħad beda jsostni li kien hemm xi affarijiet bid-damaged u ma kienx ha jħallas qabel ma jiġu mibdula. Hija talbitu sabiex iħallas €500 sakemm jaslu l-affarijiet tar-replacement iżda kien kollu ta' xejn.

A rigward id-damages ix-xhud sostniet li saret job sheet minn naħa tal-installers fejn infurmawhom x'kien hemm bżonn li jiġi mibdul. Wara li waslu l-parts ċemplu lil klijent biex issir id-delivery tagħhom, ftehmu data, iżda lejliet il-konvenut kkanċella d-delivery. Ippruvaw jagħmlu appuntament ieħor iżda l-konvenut ikkanċellah ukoll.

In kontro-eżami ix-xhud sostniet li fuq id-dokument a fol 25 hemm il-firma tad-delivery persun u fuq l-istess dokument kiteb paid in cash. Hija qablet li ma kitibx li kien fadal xi bilanċ dovut.

4. **Josef Debattista** xehed li huwa kien jaħdem bħala delivery man mas-soċjeta' attriċi. Sostna li huwa kien għamel id-delivery tal-appliances u l-għamara tal-konvenut u x'ħin kienu qegħdin iħottu l-affarijiet huwa talab il-bilanċ li kellu mniżżel fil-karti bil-lapes lil konvenut. Il-konvenut sostna miegħu li kien se jħallsu meta jlesti kollox u huwa infurmah li mhux problema pero kellu jħallas l-ammont indikat fil-karti.

Muri DOK AS1 huwa sostna li dak huwa d-dokument li kien ħareġ bih għad-delivery tal-konvenut u li hu kellu jiġbor l-ammont indikat bil-lapes fuq l-istess dokument u cjoe €3,209.00c. Fix-xhieda tiegħu huwa sostna li hu ma kellux il-final settlement. Wara li

lestew, huwa talbu l-ammont. Il-konvenut talbu ftit ċans, mar x'imkien u wara li dam ftit ġab miegħu €3,200.00c cash. Minħabba li kien jonqsu €9, huwa kien ħalla lil ħaddiem barrani jistennieh iġiblu d-€9 li kien fadal u fil-fatt kien tahomlhom ukoll.

Sostna li huwa kien ċempel lil konvenut biex jispjegalu li kien hemm żball a rigward l-ammont li kien dovut. Ix-xhud sostna li l-konvenut qallu li dik mhux problema tiegħu, iżda hija problema tal-BDI u li hu ma jinteressahx. Sostna wkoll li kien qatagħlu l-linja u bblokjah.

Illi l-konvenut ressaq is-segwenti provi:

1. **Il-Konvenut John Bugeja** xehed li fis-27 ta' Marzu 2023 kien mar is-showroom tal-BDI Best Deal International u ħallas l-ammont ta' €2,500 fuq home package. Il-package kien jiswa €8,500. Fit-2 ta' Ottubru 2023 saret id-delivery u huwa kien ħallas il-bilanċ li kien jammonta' għal €6,040. Dan l-ammont tħallas cash. L-għada irċieva telefonata mill-BDI u infurmawh li ma kienx ħallas l-ammont kollu. Huwa sostna li huwa nfurmaha li kien ħallas l-ammont kollu. Sostna wkoll li huwa kien issellef dawk il-flus mingħand ħuħ il-kbir li kien preżenti fil-mument li huwa ħallas lid-delivery person.

   A rigward id-damages u cjoe l-ħsarat li kien hemm fl-għamara huwa sostna li l-installers għamlu job sheet li fih hemm indikat l-affarijiet li jeħtieġ li jinbidlu, iżda s-soċjeta' attriċi baqgħet ma bidlithomx.

   In kontro-eżami x-xhud ikkonferma li n-numru tal-mobile tiegħu huwa 77309999. L-ewwel sostna li qatt ma irċieva messaġġi mil-BDI iżda mbagħad meta mistoqsi kif irrisponda għalihom, ix-xhud ftakar li fil-fatt kien irċevihom. Huwa sostna li kkanċella d-delivery għax tal-BDI bdew jitolbuh il-flus meta fil-fatt huwa kien ħallas kollox.

   In kontro-eżami ix-xhud insista li l-ammont li huwa ħallas lid-delivery person kien €6,040 u mhux €3,209. Ix-xhud sostna li ħuħ kien ħdejh meta ħallas lil tad-delivery. Sostna li l-għada ma jiftakarx min kien ċempillu minn tal-BDI. Kompla jinsisti li tal-BDI ma bidlulux l-affarijiet li kienu bid-damage għaliex ippretendaw li jħallashom ammont ta' flus li huwa kien diġa ħallashom.

2. **Clayton Bugeja** xehed li huwa jiġi ħu l-konvenut. Huwa sostna li kien silef lil ħuħ *'il-full amount',* Huwa silfu l-ammont ta' €6,040, *'minn idi għal għand ħija, mingħand ħija għal għand id-delivery man'.* Sostna li huwa kien preżenti meta ħuħ ħallas lid-delivery man.

   In kontro-eżami, ix-xhud sostna li huwa ra l-flus jingħataw lid-delivery man. Sostna li huwa kien għodd il-flus qabel ma għaddihom lil ħuħ u huwa għadda l-flus lil ħuħ u dak il-ħin stess ħuħ ghaddihom lid-delivery man li kien bilqiegħda ġol-van. Lid-delivery man huwa ma rahx jgħodd il-flus. .

<u>**Ikkunsidra**</u>

Dan it-Tribunal għandu sitwazzjoni quddiemu fejn filwaqt li l-partijiet jikkonfermaw li l-attriċi kienet forniet għamara u appliances lill-konvenut, madanakollu filwaqt li l-attriċi ssostni li minħabba żball ġenwin, il-konvenut dakinhar tad-delivery ma ġiex mitlub li jħallas l-ammont kollu dovut lilha iżda ġie mitlub li jħallas parti mill-ammont dovut, min-naħa l-oħra l-konvenut isostni li dakinhar tad-delivery huwa ħallas l-ammont kollu dovut minnu lill-attriċi u cjoe l-ammont ta' €6,032 fi flus kontanti, liema flus għaddihom lid-delivery person fil-preżenza ta' ħuħ.

Illi fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) **fl-ismijiet Charles Grech & Co Ltd (C-2473) vs Mark Aquilina f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta' Cocktail Limited (C-35704)** fil-21 ta' Ġunju 2013 ingħad is-segwenti:

*"Illi kif tajjeb gie osservat fis-sentenza deciza millPrim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet 'Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et', deciza nhar il-25 ta' April 2002:*

*"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*

*Issir referenza ghas-sentenza li nghatat mill-Qorti ta' l-Appelli nhar it-28 ta' April 2003 fil-kawza fl-ismijiet 'Emmanuel Ciantar vs David Curmi noe' fejn gie ritenut li:*

*"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li majhallu l-ebda dubju f'min hu imsejjah biex jiggudika.*

*Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, ilkriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn listess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati talhajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza talprobabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika filkamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr mathalli dubju ragjonevoli."*

*In oltre kif gie ritenut fis-sentenza li nghatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-20 ta' Ottubru 2003 fil-kawza fl-ismijiet 'George Bugeja vs Joseph Meilak':*

*"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

*Fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni."*

*Ma hemmx dubbju li f'din il-kawza hemm xhieda konflingenti dwar il-fatti specie ta' dak li gara u ghalhekk jehtieg li ssir refernza ghas-sentenza li nghatat mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-28 ta' April 2004 fl-ismijiet 'Frank Medici Giordmaina et vs Wiliam Rizzo et' fejn dwar xhieda konflingenti nghad is-segwenti:*

*"Huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett talbilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.*

*Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji talkredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq ilbilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, ilkriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn listess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati talhajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien*

*mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghallkonvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, iccertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan*

*ghad-differenza ta' dak li japplika filkamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."*

*Dwar min ghandu jgib il-provi sabiex jikkonvinci l-gudikant din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli (Sede Inferjuri) fl-ismijiet 'Joseph Tonna vs Philip Azzopardi', deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras fejn inghad illi:*

*"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti flordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' lezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn ilkontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn talfatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*

*b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghallohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

*c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti millpartijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq ilgudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

*d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju talkonvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni*

*u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u rrazzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco – App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";*

**<u>Ikkunsidra</u>**

It-Tribunal minnufih jgħaddi sabiex isostni li l-verżjoni tal-fatti kif moghtija mis-socjeta' attrici għandha aktar mis-sewwa mill-verżjoni tal-fatti kif mogħtija mill-konvenut.

Dan qiegħed jingħad għaliex mix-xhieda li tressqu mis-soċjeta' attriċi jirriżulta li d-delivery person kien infurmat li mingħand il-konvenut huwa kellu jitħallas l-ammont ta' €3,200.00c meta fil-fatt huwa kellu jitħallas mingħand il-konvenut l-ammont ta' €6,038.72c.

Dan it-Tribunal huwa moralment konvint li d-delivery person talab lil konvenut l-ammont ta' €3,200.00c. Fix-xhieda tiegħu l-konvenut jinsisti li huwa ħallas lid-delivery person l-ammont ta' €6,038.72c u ħu l-konvenut isostni li huwa kien miegħu meta l-konvenut ħallas lid-delivery person.

Madanakollu t-Tribunal isostni li huwa la jemmen il-verżjoni tal-konvenut u lanqas il-verżjoni ta' ħu l-konvenut u dan b'mod partikolari meta jsostnu li d-deliver yperson tħallas l-ammont ta' €6,038.

Dan qiegħed jingħad għaliex ġaladarba mill-provi jirriżulta li d-delivery person kien infurmat minn Gianluca Caruana li huwa kellu jitħallas mingħand il-konvenut l-ammont ta' €3,209.00c, li kieku l-konvenut verament ħallas l-ammont ta' €6,038, kemm il-konvenut u anke ħuħ fix-xhieda tagħhom kienu jsostnu li meta' d-delivery person talab lil konvenut l-ammont ta' €3,209, l-istess konvenut ġibed l-attenzjoni tad-delivery person li kellu żball fl-ammont li kien qiegħed

jitolbu għax fil-fatt huwa kellu jħallas l-ammont ta' €6,038 u mhux l-ammont ta' €3,209. Dan id-dettal ma ħariġx la mix-xhieda tal-konvenut u lanqas mix-xhieda ta' ħuħ. Min-naħa l-oħra id-delivery person Josef Debattista fix-xhieda tiegħu jinsisti li huwa talab lil konvenut l-ammont li kellu miktub bil-lapes u cjoe l-ammont ta' €3,209.

Illi għalhekk it-Tribunal sejjer jiddikjara li l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi fl-ammont imsemmi fit-talba tagħha u cioe' fl-ammont ta' elfejn, tmien mija u disgħa u għoxrin ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmi (€2,829.74c) u ghalhekk se jkun qiegħed jordna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici din l-istess somma.

**<u>Ikkunsidra</u>**

Illi l-Konvenut ippreżenta kontro-talba fejn permezz tagħħa talab illi l-attriċi rikonvenzjonata tiġi ordnata tħallas lil konvenut rikonvenzjonant l-ammont ta' tlett elef ewro (€3000) u dan stante l-fatt li l-attriċi rikonvenzjonata rrifjutat li tibdel affarijiet li kienu damaged.

Illi mill-provi jirriżulta ampjament ċar li l-attriċi rikonvenzjonata kienet sejra tbiddel il-parts kollha li kienu bid-damaged u kien propju l-konvenut rikonvenzjonant stess li għal darba, darbtejn ikkanċella l-appuntament sabiex l-installers ikunu jistgħu imorru fuq il-post u jibdlu dawk il-partijiet tal-għamara li kienu bid-damaged.

Illi għalhekk din il-kontro-talba sejra tiġi miċhuda u dan għaliex kien l-aġir tal-konvenut rikonvenzjonant stess li wassal sabiex il-partijiet tal-għamara li kienu bid-damage ma ġewx mibdula.

**Decide**

**Għaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi filwaqt illi jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, jilqa t-talba tal-attriċi, jilqa l-eċċezzjonijiet tal-attriċi b'rabta mat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, jiċħad it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut u jikkundanna lill-konvenut biex iħallas lill-attriċi s-somma ta' elfejn, tmien mija u disgħa u għoxrin ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmi (€2,829.74c), bl-imgħax legali dekorribbli mit-3 ta' Ottubru 2023 sad-data tal-ħlas effettiv u finali.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri jitħallsu unikament mill-konvenut.

Finalment it-Tribunal jordna li din s-sentenza tiġi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk kienx hemm ksur tal-liġi b'mod partikolari jekk kienx ġie mwettaq ir-reat ta' sperġur u f'każ li dan jirriżultalu jieħu l-passi legali fil-konfront ta' dawk il-persuni li kienu responsabbli għal dan il-ksur.

**Avv Dr Christopher Chircop**
**Ġudikatur**

**Rosanne Piscopo**
**Deputat Reġistratur**